# Beati u Qaddisin...Gunju

Santa Margerita ta' l-Iskozja.

10 ta' GUNJU

Isimha jfisser perla u kif jistqarr il-konfessur taghha Theodoric, jixraqilha hafna ghall-mod kif kienet tghix.

Ruhha kienet prezzjuza daqs perla. Minkejja li kienet tghix f'palazz il-qdusija ta' ruhha qatt ma naqset jew xi hadd seraqha minghand Dak li b'Demmu xtraha ghas-salvazzjoni.



Kienet in-neputija ta' re ingliz u fis-sena 1070 izzewget lil Malcolm u rrenjat bhala regina ta' l-Iskozja sakemm mietet fis-sena 1093.

Kif saret qaddisa meta kienet fi grad hekk gholi fis-socjeta?

Kienet thobb hafna lil Alla u uzat flusha biex tibni knejjes u monasterji biex Alla jkun imsebbah fihom. Kienet tahdem ilbies sagru u tahdem bla heda biex tara li isem Alla u l-ligijiet tieghu huma imharsa fir-renju taghha.

Minkejja din il-hidma kollha, hija kienet issib hin biex tithaddet ma' Alla. L-ezempju taghha nfluwenza wkoll lir-ragel taghha hekk li bil-lejl kienu jqumu u jitolbu flimkien ghax kienu jemmnu li dawk li jitolbu flimkien jibqghu flimkien.

Minkejja li kienet mara ta' hajja ezemplari u tajba, hija kienet tikbi dnubietha. Kienet thalli lill-konfessur taghha jmexxiha fil-hajja spiritwali. Minkejja li kienet regina, imdawra b'kull ma kienet tixtieq, hija qatt ma ttraskurat id-doveri taghha ghaliex filwaqt li kienet tghix fid-dinja hija ma kienitx tad-dinja. Kienet mara li qdiet id-doveri taghha ta' omm lejn it-tmien uliedha. Zewgha kien jitlob il-pariri taghha meta jigi f'salib it-toroq. Qatt ma kienet tieqfa biex taghmel gid lil pajjizha.

Meta rceviet l-ahbar li zewgha u binha mietu fil-gwerra hija offriet id-duluri taghha bi tpattija ghal dnubietha. Din il-bxara haditha meta kienet fuq is-sodda ta' mewtha. Wara li rceviet lil Gesu' fl-Ewkaristija hija temmet hajjitha hawn fuq l-art b'dawn il-kelmiet: O Mulej Gesu' Kristu, Inti li b'mewtek tajt hajja lid-dinja, ehlisni."